**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 76/14 AL

A B (Karta ta' l-identita numru 0546786M)

vs

C D (Karta ta' l-identita numru 0066991M) u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2015 J D gie imsejjah fil-kawza u C D giet mahtura bhala kuratrici tal-minuri J D f'dawn il-proceduri

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi minn relazzjoni li kellu mal-intimata twieled tifel – J (data tat-twelid 8 ta'Ottubru 2009);

Illi minkejja li l-konvenuta D kienet taf li l-esponenti kien l-missier hija ma indikatux fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J u ghalhekk isem u kunjom missier J tnizzel bhala 'unknown father';

Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 4/2014 mibghuta fis-17 ta' Jannar 2014 l-esponent gharraf lill-intimata ufficjalment li hu kien ser jirrikonoxxi lill-minuri J D imwieled fit-8 ta' Ottubru 2009 bhala ibnu naturali ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-intimata giet debitament notifikata bl-ittra ufficjali;

Illi hija ma pprezentat l-ebda nota fir-registru u ghalhekk l-esponent kellu jipprezenta dan ir-rikors;

Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-esponent A B bhala l-missier naturali tal-minuri J D imwieled fit-8 ta' Ottubru 2009;
2. Tordna r-registrazzjoni tar-rikonoxximent ta' l-istess J D bhala wild naturali ta' A B fl-atti tal-istat civili relattivi;

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar 2014 kontra l-intimata li millum ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li jiġi imsejjaħ fil-kawża l-minuri J D u li għandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti

sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponenti jistieden lill-intimat A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri J, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel J. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi J bin-numru ta' reġistrazzjoni 3439 tas-sena 2009;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri J a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-10 ta' Settembru 2014 tal-konvenuta C D li bil-gurament taghha ammettiet t-talbiet tar-rikorrenti A B kif dedotti;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti ta' l-attur sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri J D jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala "missier mhux maghruf" izda jigi jidher li huwa l-wild naturali ta' l-attur A B. Min-naha taghha, l-konvenuta ma topponix ghat-talba ta' l-attur u dan peress li ipprezentat nota t'ammissjoni datata 10 ta' Settembru 2014[1].

**Il-mertu tal-kaz**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri J D twieled nhar it-8 ta' Ottubru 2009[2] minn relazzjoni li l-partijiet kellhom bejniethom u dan jirrizulta anke mir-rikors guramentat ta' l-attur, fejn huwa jiddikjara li l-minuri J D huwa frott ir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D, hu jghid li huwa ma giex indikat bhala missier il-minuri u ghalhekk il-minuri gie registrat li huwa ta' 'missier mhux maghruf'. Izid jghid li wara li ipprezenta l-ittra ufficcjali rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta[3], huwa kellu bilfors jintavola dawn il-proceduri. Dan huwa kollu ikkorraborat mit-test tat-DNA esebit in atti[4] fejn gie ikkonfermat bil-gurament li l-minuri J huwa verament il-wild naturali ta' l-attur A B.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li gie msejjah fil-kawza l-minuri J li huwa rapprezentat mill-kuratrici tieghu li hija ommu l-konvenuta C D u dan sar permezz ta' rikors datat 8 ta'

---

[1] Ara fol 21 tal-process

[2] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 6 tal-process

[3] Ara fol 5 tal-process

[4] Ara fol 24 u fol 31 tal-process

Ottubru 2015[5], liema rikors gie milqugh minn din il-Qorti fil-21 t'Ottubru 2015 u ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li ddur fuq il-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti tirrileva li l-attur irnexxielu jipprova t-talbiet tieghu u dan stante li apparti li l-partijiet qeghdin jaqblu fuq il-paternita' tal-minuri, dan huwa wkoll ikkonfermat mit-test tad-DNA esebit in atti li juri li verament il-minuri huwa l-wild naturali ta' l-attur A B.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni il-Qorti tinnota li l-attur ipprezenta n-nota bil-konnotati kollha tieghu kif mitlub.

Illi dwar ir-raba eccezzjoni l-partijiet iddikjaraw li huma jixtiequ li l-minuri jibda juza l-kunjom "B"[6] , madanakollu wara rikors ipprezentat mill-konvenuta C D, hija talbet li fl-interess tal-minuri fl-att tat-twelid tieghu jizdied ukoll il-kunjom 'D' ma' dak ta' 'B' u il-Qorti rat li fl-ahjar interess suprem tal-minuri J, huwa ikollu dan il-kunjom ukoll u ghal dan il-ghan laqghet it-talba permezz ta' digriet datat 29 t'April 2015 biex il-minuri minn issa l-quddiem jibda jkun maghruf bhala J B D.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri J D li twieled fit-8 t'Ottubru 2009;
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri J D bin-numru t'iskrizzjoni 3439 tas-sena 2009, ihassar il-parti fejn hemm miktub 'unknown father' u minflok izid id-dettalji kollha ta' A B, bil-karta ta' identita' numru 0546786M, iben A B li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, imwieled il-Birgu u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 22 sena u kien residenti l-Birgu. Tordna wkoll li kunjom il-minuri J ikun dak ta' B D.

---

5 Prezentat a fol 44 tal-process

6 Ara verbal datat 5 ta' Novembru 2014 a fol 26 tal-process

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata C D